Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri).

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru 1/2014

**Avukat Generali**

**Vs**

**Nutar Dottor Philip Said**

31 ta' Ottubru, 2016.

1. L-Avukat Generali appella minn decizjoni tal-Qorti tar-Revizjoni tal-Atti Notarili tad-9 ta' Jannar 2014, li biha sab lin-nutar Dottor Philip Said hati ta' ksur tal-artikolu 50 tal-Kap. 55 peress li ma pprezentax in-nota ta' insinwa relattiva ghal kuntratt ta' bejgh li ppubblika fit-2 ta' Novembru 2011 fi zmien hmistax-il gurnata mid-data tal-pubblikazzjoni, u kkundannah ghall-ammenda ta' ghaxar ewro (€10) (artikolu 131(4) tal-Kap. 55).

2. Fl-appell l-Avukat Generali jilmenta li l-piena li kellha tinghata kienet dik kontemplata fl-Artikolu 124 tal-Kap. 55, b'mod partikolari f'subinciz (2) u (4).

3. L-appellat ma wegibx.

4. Wara li l-qorti qrat l-atti, tosserva:

   4.1 Dan il-kaz jitratta dwar in-nuqqas tan-nutar Said milli jinsinwa kuntratt fi zmien 15 il-jum mid-data tal-att (artikolu 55). Il-qorti osservat li r-raguni ghalfejn l-att ma giex insinwat kien minhabba li kien qieghed jippretendi hlas ghal servizzi li kien ippresta lix-xerrejja. Il-qorti kompliet tghid li n-nuqqas tan-nutar kien wiehed gravi li ma jistax jigi skuzat u kien nuqqas li ilu jippersisti ghal iktar minn sentejn; *"Dan mhux kaz ta' insinwar tardiv li jigi sanat bl-insinwar tempestiv wara xi ftit granet li jkun skada t-terminu, imma ksru ta' natura permanenti ta' disposizzjoni importanti tal-ligi li qed jippregudika mhux biss lill-partijiet fuq il-kuntratt, imma sahansitra lill-erarju pubbliku wkoll."*

   4.2 Fid-decizjoni tal-qorti ma saret l-ebda riferenza ghall-Artikolu 124 tal-Kap. 55. Subinciz 2 ta' din id-diposizzjoni jipprovdi, *"Meta l-kontravenzjoni tikkonsisti f'xi nuqqas tan-nutar jew tal-arkivist, il-qorti **ghandha** tordna lil dan in-nutar jew lill-arkivist jaghmel dak li jkun naqas li jaghmel, fiz-zmien li l-qorti tiffissa fid-diskrezzjoni taghha."* Ir-ragunament tal-Avukat Generali hu li ladarba l-qorti sabet li n-nutar kien naqas fid-dmir li jinsinwa l-att, kellha tordna lin-nutar Said li

jinsinwa l-att f'dak iz-zmien li tiffissa l-qorti. Din id-disposizzjoni tinsab f'dik il-parti tal-ligi li tirregola s-sorveljanza tan-nutar mill-Qorti ta' Revizzjoni u Atti Notarili, u titratta dwar l-obbligu li dik il-qorti tezamina jekk in-nutar ghamilx id-dmirijiet li ghandu taht il-Kap. 55. Fil-principju din il-qorti tqies li din id-disposizzjoni ghandha tapplika wkoll li ghal dawk il-kazijiet fejn tkun saret kwerela kontra n-nutar. Wara kollox l-ordni taht l-artikolu 124(2) tal-Kap. 55 tinghata bil-ghan li jigi zgurat li n-nutar iwettaq dak li m'ghamilx. F'kull kaz illum l-ordni kontemplata f'subinciz (2) ma tistax tinghata lin-nutar Said ghaliex din is-sena rrinunzja ghall-warrant ta' nutar, u ghalhekk spicca mill-ezercizzju tal-professjoni. Fil-fatt fil-gazzetta tal-gvern tas-6 ta' Gunju 2016 gie ppubblikat avviz li jaqra: *"It is hereby notified that in virtue of Article 14(d) of the Notarial Profession and Notarial Archives Act (Cap. 55) Notary Philip Said has renounced his Notarial Warrant with effect from the fifth (5th) day of May of the year two thousand and sixteen (2016)."* Imbaghad, subinciz (4) jipprovdi li l-qorti ghandha taghmel verifiki, permezz tar-revizuri, li l-ordni tkun twettqet. F'kaz li jirrizulta li ma twettqitx, il-qorti ghandha d-diskrezzjoni li tinabilita parzjalment lin-nutar ghal dak iz-zmien sakemm iwettaq l-ordni li tkun tat il-qorti. Ovvjament gialadarba fil-mori tal-appell in-nutar Said irrinunzja bil-miktub ghall-professjoni tieghu u ghalhekk ma jistax jezercita iktar il-professjoni ta' nutar, il-mizura kontemplata fis-subinciz (4) hi rrilevanti.

4.3 Il-qorti ma taqbilx mal-Avukat Generali li l-piena li kellha tigi mposta fuq in-nutar kienet, *"…. mhux il-kontravenzjoni li ghaliha tinghata l-piena tal-ammenda stabbilita fl-artikolu 131(4) tal-imsemmi Kap. 55."* Il-pieni dixxiplinarji li l-ligi tikkontempla jissemmew fl-Artikolu 128(1) tal-Kap. 55. Il-qorti kienet korretta li ghall-kaz in ezami kienet tapplika l-piena ta' ammenda ta' €10 (artikolu 131(4) tal-Kap. 55) gialadarba f'dan il-kaz kien hemm ksur tal-Artikolu 50 li ma jgorrx piena specifika.

4.4 Pero' mbaghad il-qorti ma kellhiex tieqaf hemm. Ladarba sabet li n-nutar naqas mid-dmir tieghu li jinsinwa l-kuntratt, kellha tordnalu li jinsinwa l-kuntratt fit-terminu li jigi stabbilit minnha. Imbaghad f'kaz li ma jwettaqx l-ordni, setat tordna l-inabilitazzjoni parzjali ghaz-zmien sakemm jinsinwa l-att.

**Ghal dawn il-motivi tiddeciedi l-appell billi tiddikjara li:**

1. **L-artikolu 131(4) tal-Kap. 55 kien japplika u ghalhekk il-qorti applikat il-piena korretta.**
2. **Fid-decizjoni tal-Qorti tar-Revizjoni tal-Atti Nutarili tad-9 ta' Jannar 2014, il-qorti naqset milli tati ordni kif kontemplat fl-Artikolu 124(2) tal-Kap. 55. Ordni li fil-fehma ta' din il-qorti kellha tinghata gialadarba gie deciz li kien hemm nuqqas min-naha tan-nutar Said.**

3. **Gialadarba n-nutar Said irrinunzja ghall-warrant ta' nutar, illum din il-qorti ma tistax taghti rimedju ghan-nuqqas li hemm fid-decizjoni tad-9 ta' Jannar 2014. Ghalhekk m'hemmx lok li tvarja d-decizjoni.**

**Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Anthony Ellul.